MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 106/2004

Joseph Gauci

vs

Catherine Kerkoub

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentatata mill-attur nomine fid-9 ta' Frar, 2004, li in forza taghha, wara li ppremetta :

Illi l-konvenuta qed tokkupa l-fond Nru 51, Triq Falzon, Sliema, ta' proprjeta' ta' l-attur, u dan minghajr ma ghandha l-ebda titolu validu fil-ligi;

Illi l-attur sejjah lill-istess konvenuta sabiex tivvaka l-fond fuq imsemmi, pero' hija baqghet inadempjenti;

Illi b'rizultat ta' l-okkupazzjoni abbuziva u llegali ta' dan il-fond da parti tal-konvenuta l-attur sofra u qieghed isofri d-danni;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa :

1. id-dikjarazzjoni li hija qed tokkupa l-fond Nru 51, Triq Falzon, Sliema, minghajr ma ghandha l-ebda titolu validu fil-ligi;
2. tordna lill-konvenuta sabiex tivvaka l-fond hawn imsemmi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din il-Qorti;
3. tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur, b'rizultat ta' l-okkupazzjoni abbuziva u illegali tal-fond da parti ta' l-istess konvenuta;
4. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, u
5. tordna lill-konvenuta sabiex thallas id-danni li jigu hekk likwidati;

Bl-ispejjez, u bir-riserva espressa tad-dritt ta' l-attur li jagixxi ulterjorment skond il-ligi kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Catherine Kerkoub, li in forza taghha hija eccepiet :

1. Illi l-konvenuta ghandha titolu validu ta' kera skond il-Ligi peress li kienet tabita fir-residenza nru 51, Triq Falzon, Sliema flimkien man-nannu taghha Anthony Vidal li issa huwa mejjet u li kienet ilha tghix mieghu ghal dawn l-ahhar tmien snin u ghalhekk ghandha d-dritt li tiret il-kirja skond il-Ligi;
2. Illi bl-ebda mod il-konvenuta mhi qieghda tokkupa l-post abbuzivament u illegalment anzi ghandha dritt li tibqa tabita f'dan il-fond mertu tal-kas;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuta Catherine Kerkoub;

Semghet ix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' April 2009 li permezz tieghu fuq talba tal-attur hatret lil Perit Mario Cassar bhala perit tekniku sabiex jistabilixxi il-valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni u jaghmel kull verifika ohra dwar l-istess fond li tkun pertinenti ghat-talbiet tal-attur;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku minnu ipprezentat u mahluf waqt is-seduta tal-20 ta' Jannar 2011;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-konvenuta xehdet illi kienet toqghod man-nannu taghha fil-fond 51, Triq Falzon, Sliema, liema fond jikkonsisti f'zewg sulari. Hija qalet illi marret toqghod man-nannu f'dan il-post fis-sena 1995, hi kienet toqghod fis-sular ta' fuq u in-nannu fis-sular ta' isfel. Il-kera kienet tithallas regolarment u peress li n-nannu ma setghax johrog, kienet tmur thallasha ommha, li jisimha Carmen Vidal. In-nannu Anthony Vidal miet f'Dicembru 2001 fl-eta ta' 95 sena. Il-konvenuta kompliet tixhed illi wara li miet in-nannu, marret thallas il-kera lill-attur li irrifjuta li jaccettaha u ghalhekk bdiet tiddeposita il-kera il-Qorti. Hija xehdet illi marret tghix man-nannu peress illi kellu bzonn min idur bih ghax kien anzjan. Illum il-gurnata hija ghadha toqghod fil-fond in kwistjoni, mizzewga u tghix hemm hekk mar-ragel taghha. Hija qalet illi meta izzewget, in-nannu taghha kien ghadu haj. Il-konvenuta uriet lill-Qorti il-karta ta' l-identita taghha illi turi illi hija irregistrata bhala li tghix fil-fond in kwistjoni.

Illi xehed Anthony Vidal, missier il-konvenuta, illi ikkonferma li fl-1995 il-konvenuta marret tghix man-nannu

taghha illi jigi missieru. Huwa ikkonferma illi illum il-gurnata il-konvenuta hija mizzewga u ghadha tghix hemm hekk mal-familja taghha.

Illi xehdet ukoll omm il-konvenuta, illi ikkonfermat illi bintha marret tghix man-nannu taghha fil-fond in kwistjoni fl-1995 u ghadha tghix hemm hekk sallum flimkien mal-familja taghha wara li hija izzewget. Hija xehdet illi meta bintha izzewget, in-nannu ma kienx ghadu miet.

Illi xehdet Vanna Balzan, Executive Officer fid-divizjoni Elettorali tal-karta tal-identita u ikkonfermat illi l-karta ta’ l-identita tal-konvenuta turi illi l-konvenuta hija registrata li toqghod fil-fond 51 Triq Falzon Tas-Sliema u skond ir-records li ghandhom hija giet registrata li toqghod hemm hekk fi Frar 1995.

Illi l-konvenuta in kontro-ezami, ikkonfermat illi l-genituri taghha joqoghodu Rue d’Argens, il-Gzira. Il-konvenuta kompliet tixhed illi hija kienet registrata bhala care worker meta kienet tiehu hsieb lin-nannu taghha, u kienet tithallas ta’ dan madwar mitt lira fix-xahar u n-nannu kien ihallas il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma u hija kienet taghtih hmistax il-lira maltin fix-xahar. Il-konvenuta xehdet li meta marret toqghod man-nannu taghha biex tiehu hsiebu ma kellhiex intenzjoni li tibqa` tghix hemmhekk wara mewtu, izda hekk gara, zzewwget u hi u r-ragel taghha marru jghixu fid-dar man-nannu u baqghu jghixu hemmhekk anke wara li miet in-nannu;

Ikkunsidrat:

Illi xehed Joseph Caruana, rapprezentant ghall-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, u qal illi l-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienu dejjem jithallsu min-nannu tal-konvenuta li kien jiehu sussidju, u xehed li n-nannu tal-konvenuta ma kien ghamel ebda talba mis-sena 1996 ‘l hawn sabiex jizdiedu n-numri ta’ persuni li jghixu fir-residenza tieghu, sabiex b’hekk kien jikwalifika ghal sussidju akbar;

Ikkunsidrat:

Illi xehed Joseph Vidal, u qal illi kien jghix ma' missieru fil-fond 51, Falzon Street, Sliema ghal erbgha u erbghin sena, dsatax –il sena minnhom bhala ragel mizzewweg, u telaq minn dan il-fond f'Awwissu, 1990, izda warajh kien halla sodda, vetrina u television, illi kien sar jaf li s-sodda ma kinetx ghadha fil-fond in kwistjoni izda li kien ghad hemm il-vetrina u t-television u meta staqsa, kienu qalulu li s-sodda kienu ramewha. Huwa xehed illi fil-fond kien l-ghamara u l-mobbli tal-ġenituri tieghu, inkluz il-kamra tas-sodda, il-kamra tal-pranzu, il-kcina, it-television, il-magna tal-hjata, il-washing machine u s-side table fost l-affarijiet l-ohrajn. Huwa qal ukoll li sakemm miet missieru, kien izuru u meta kien jistaqsih jekk kienx hemm xi hadd jghinu jew jorqod mieghu, missieru kien wiegbu fin-negattiv u jghidlu li kien joqghod wahdu;

Illi meta miet missieru, Joseph Vidal illi kellu c-cavetta tad-dar, mar sabiex jiftah izda sab illi c-cwievet kollha tad-dar kienu tbidlu u ma kellhux aktar access ghall-fond ta' missieru;

Illi xehdet Silvia Falzon u qalet illi gimgha wara li miet missierha, kienet staqsiet lil huha Anthony Vidal biex hi u Joseph jidhlu fil-fond 51, Falzon Street, Sliema biex jiehdu lura l-affarijiet taghhom u jaqsmu l-mobbli tal-genituri taghhom, izda huha Anthony Vidal kien qalilha illi qabel ma jirranga mas-Sur Gauci fuq il-kera, ma kellhiex tiehdu l-affarijiet taghhom minn hawn gew. Hija xehdet li meta kienet izzur lil missierha qatt ma rat lil hadd, hlief xi ftit drabi meta rat lil Carmen Vidal jew lil bintha Catherine jgibu xi ikel lil missierha;

Illi xehdet Carmen Vidal u kkonfermat ix-xhieda ta' zewgha Joseph Vidal, fis-sens li kienu telqu mid-dar imsemmija f'Awwissu tas-sena 1990 u li hallew warajhom is-sodda, il-vetrina u t-television. Hija xehdet illi Carmen Vidal, mart Anthony Vidal, ma kinietx halliet lil Mary toqghod fil-fond in kwistjoni u l-istess meta kienet giet Doris mill-Awstralja fis-sena 2000, Carmen Vidal ma halliethiex tidhol tghix hemmhekk bhala btala;

Ikkunsidrat :

Illi xehed Joseph Vidal u qal li jigi hu missier il-konvenuta, huwa xehed illi s-Sur Gauci, l-attur f'din il-kawza, kien avvicinah u qallu biex jaghmel l-affidavit tieghu f'din il-kawza, izda ma kien issuggerilu xejn u dak illi qal qalu minn jeddu u kienet l-verita` kollha. Huwa xehed illi tlewwem ma' missier il-konvenuta fuq wirt. Ix-xhud kompla jghid illi kien imur jara lil missieru qabel ma miet u li missieru kien jghix fil-fond in kwistjoni fis-sular ta' isfel, izda xehed li qatt ma ra lill-konvenuta fuq ghaliex skont missieru, din ma kinietx tkun hemm u hu qatt ma raha. Ix-xhud kompla jghid illi huwa qatt ma tela' fuq meta kien imur jara lil missieru, izda qabel ma miet missieru kien mar ghas-sodda tieghu li kien halla warajh u ma sabhiex hemmhekk. Huwa qal li kien mar ghas-sodda fl-1998, ma dahalx fi kmamar ohrajn, dahal biss fejn kien jorqod hu u l-kamra sabha vojta, imbaghad nizel isfel. Ix-xhud ikkonferma illi omm il-konvenuta kienet issajjar kuljum izda lill-konvenuta qatt ma ra tohodlu xi ikel lil missieru;

Ikkunsidrat:

Illi xehed l-attur u qal illi huwa ma kienx jaf illi l-konvenuta kienet qeghda toqghod fil-post illi kien kera lin-nannu taghha, u meta sar jaf illi l-konvenuta kienet biddlet ic-cavetta, u biddlet s-serratura tal-fond in kwistjoni, qabbad zewg periti biex jaghmlu condition report tal-fond, izda meta wasal fuq il-post sab lill-avukat Dr Cassar li ma halliex lilu u lill-perit jidhlu fil-post. Huwa xehed illi kien ha mieghu zewg periti. L-attur kompla jixhed illi l-konvenuta kienet ukoll prezenti dakinhar, ma hallithomx jidhlu u ghalhekk huwa ghadu sallum ma jafx il-kundizzjoni tad-dar kif inhi, u dana minkejja il-fatt illi kien kiteb lill-konvenuta u kien infurmaha li kien ser imur bil-periti fuq il-post. L-attur xehed illi huwa ma kienx jaf illi l-konvenuta kienet tghix hemm hekk u sar jaf illi hija kienet biddlet is-serratura tal-post wara li kien miet in-nannu taghha u qalulu b'dan iz-zijiet taghha, hut missierha.

Ikkunsidrat :

Illi l-perit tekniku wasal ghall-konkluzjoni illi l-fond in kwistjoni ghandu valur fis-suq mija u sittin elf ewro (€160,000) u ghalhekk il-valur lokatizzju tieghu jammonta ghal hames telef u mitejn ewro fis-sena (€5,200).

Ikkunsidrat :

Illi l-attur issottometta illi l-konvenuta mhux vera marret tghix ma nannuha qabel ma miet, izda marret tghix hemm hekk wara li izzewget u cioe' sitt snin wara li miet in-nannu. L-attur issottometta illi irrizulta illi l-konvenuta irregistrat ghas-sussidju fuq id-dawl u l-ilma fil-fond in kwistjoni ghall-habta ta' Mejju 1996. Huwa issottometta illi qieghed jippretendi illi l-konvenuta tigi zgumbrata mill-fond u tirrifondih id-danni u cioe' il-valur lokatizzju tal-fond fl-ammont ta' hames telef mitejn ewro (€5,200) fis-sena mid-data tal-1 ta' Jannar 2002 sad-data meta tigi zgumbrata mill-fond.

Ikkunsidrat :

Illi l-kawza odjerna tittratta talba tal-attur sabiex il-konvenuta tigi zgumbrata mill-fond in kwistjoni peress illi skond hu hija qeghda tokkupa dan il-fond minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi u konsegwentement l-attur qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta thallsu danni li jirrizultaw mill-istess allegata okkupazzjoni abbuziva.

Illi l-Qorti ser tezamina u tistabilixxi jekk il-konvenuta kellhiex dritt jew le illi tibqa tghix mal-inkwilin nannuha u tiret il-kirja, jew inkella jekk okkupatx i-fond in kwistjoni minghajr kunsens, abuzivament, bi vjolenza, b'mod arbitriju jew klandestinament.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Awissu 1994 fil-kawza fl-ismijiet Carmelina sive Lina Camilleri et vs Paul Mifsud et noe il-Qorti qalet hekk :

"Saru komunissimi l-kawzi li jimpustaw fuq il-kawzali 'bla titolu' talbiet ghar-ripreza ta' pussess ta' fond jew zgumbrament. Pero', kif intqal f'diversi okkazjonijiet minn din il-Qorti – bla titolu – guridikament timporta

okkupazzjoni ta’ fond li sa mill-bidu nett ma kinetx konsentita, okkupazzjoni li tkun saret minghajr kunsens, abbuzivament bi vjolenza, b’arbitriju jew klandestinament, - liema llegalita’ ppredurat sal-mument li tkun giet proposta l-kawza. ‘Bla titolu’ ma tfissirx – bhala kawzali – xi kwalita’ ta’ titolu li seta’ kien hemm, imma issa, wahda mill-partijiet tirritjeni li m’ghadux jissussisti, u ghalhekk ikun hemm bzonn dikjarazzjoni gudizzjarja li t-titolu li kien hemm intilef, spicca, jew b’xi mod iehor m’ghadux validu, minhabba ragunijiet ta’ zmien, morozita, non-osservanza tal-kondizzjonijiet tat-titolu u simili. Anke l-prekarju huwa titolu – artikoli 1839 – 1841 Kap.16 proprju ghaliex l-okkupazzjoni inizjali tkun legittima ghaliex bil-kunsens tas-sid. U meta dan jittermina t-titolu billi jirtira l-kunsens, xorta wahda dik is-sitwazzjoni ma tistax tigi deskritta bhala ‘bla titolu’”;

Illi l-Qorti rat ukoll sentenza ta’ din il-Qorti tal-20 ta’ Mejju 2004 fil-kawza fl-ismijiet Emmanuel A. Bonello noe vs Francis Fenech fejn il-Qorti qalet hekk :

“Illi tajjeb li wiehed jifhem ukoll x’ikun qieghed jitfisser meta attur jixli lill-imharrek li qieghed izomm jew jokkupa post bla titolu. Din il-frazi tfisser li l-parti mharrka sa mill-bidu ma kellhiex jedd tutelabbli ghall-post minnha mizmum. Il-frazi ‘bla titolu’ ghandha titqies li legalment iggib maghha ghamla ta’ okkupazzjoni li, sa mill-bidu nett taghha, ma kinitx konsentita, jew ghaliex tkun twettqet minghajr ir-rieda ta’ sid il-post li jkun, jew ghaliex tkun ittiehdet b’mod abbuziv jew bi vjolenza jew arbitrarjament, jew bil-mohbi tas-sid, liema illegalita’ tkun issoktat sal-waqt li tinbeda l- kawza. F’kaz bhal dan, is-setgha tal-Qorti biex tisma’ kawza bhal din tieqaf malli jirrizulta li l-imharrek kellu tassew xi titolu”.

Ikkunsidrat :

Illi x-xiehda illi inghatat f’din il-kawza kienet wahda ta’ natura konfligenti u dana peress illi t-tezi tal-konvenuta giet kollaborata minn dik ta’ ommha u ta’ missierha u minn Vanna Balzan, executive officer fid-dipartiment fl-Electoral Office fid-Divizjoni talkarta tal-identita, izda ix-xiehda

taghha giet kontradetta minn Joseph Caruana, rapprezentant tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, illi kif diga intqal, iddikjara illi is-sussidju relattiv ghall-fond in kwistjoni dejjem baqa’ jinghata ghal persuna wahda biss u illi kien hemm il-kliem ST (li tfisser meter stopped) u dan jindika illi il-konvenuta mhux verament kienet tghix fil-fond ma nannuha.

Illi in kontro-ezami Joseph Vidal, missier il-konvenuta, iddikjara illi l-konvenuta kienet tghix ma’ ommha u mieghu fid-dar taghhom il-Gzira.

Illi omm il-konvenuta Maria Carmela Vidal xehdet li kienet tat parir lill-konvenuta biex tizzewweg u tmur tghix man-nannu. Ghalhekk il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet differenti.

Illi jidher li hemm qbil illi l-konvenuta izzewget fis-sena 2001 u ghalhekk, omm il-konvenuta tat zewg verzjonijiet ta’ meta, skond hi, il-konvenuta telqet mid-dar, u cioe’ jekk hux fis-sena 1995 jew wara li zzewget, u cioe’ fis-sena 2001.

Illi fl-affidavit tieghu, Joseph Vidal iddikjara li ma kien jghix hadd mal-inkwilin u li hadd ma kien jghinu. Huwa qal illi dejjem kellu access ghall-fond u is-serraturi inbidlu biss wara li miet missieru.

Illi x-xiehda ta’ Joseph Vidal giet ikkolloborata minn Sylvia Falzon, kif ukoll minn Carmen Vidal.

Illi l-attur xehed illi l-kirja kienet issejjah lil Anthony Vidal u illi wara li dan miet huwa gie infurmat illi l-konvenuta biddlet is-serratura u huwa ma setax jaccedi ghall-fond in kwistjoni. Il-konvenuta ikkonfermat illi wara li miet nannuha, l-attur qatt ma accetta kera minghandha.

Illi ghalhekk fil-kaz odjern il-Qorti tinsab rinfaccjata b’xhieda u provi kontraddetti u konfliggenti.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kamp civili kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u fuq il-fattispece partikolari tieghu. Ic-certezza morali li fuqha gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni ghall-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet. Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur, in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhuwiex obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella jekk il-Qorti ghandhiex tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement ippruvati.

Illi ghal dawk illi huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja.  Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet.

Illi kif gie affermat f'sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' April, 2002 fil-kawza fl-ismijiet Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et "Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli".

Illi l-Qorti tirrileva illi mix-xhieda prodotti f'din il-kawza, anke tenut kont fosthom :

(1) tal-fatt li x-xhieda prodotti mill-konvenuta stess jikkontradixxu lilhom innifishom specjalment fir-rigward taz-zmien ta' meta allegatament il-konvenuta marret tghix ma' nannuha.

(2) il-fatt li s-sussidju relattiv ghall-kont tad-dawl u l-ilma qatt ma inbidel minn dak ghal persuna wahda.

(3) il-fatt li l-konvenuta stess iddikjarat li ma kellha ebda intenzjoni li tibqa' tghix man-nannu taghha, izda wara mewtu, baqghet tghix hemm xorta wahda.

(4) ix-xhieda u il-provi konsistenti prodotti mill-attur u

(5) id-dikjarazzjoni da parti tal-istess konvenuta illi l-attur qatt ma irrikonoxxiha bhala l-kerrejja tal-fond in kwistjoni;

Illi ghalhekk il-Qorti hija moralment konvinta li t-tezi tal-attur hija aktar verosimili ghall-fatti ta' kif graw u konsegwentement, il-konvenuta qatt ma kellha titolu sabiex tibqa' tghix fil-fond mertu tal-kawza, u ghalhekk jirrizulta li l-konvenuta baqghet tghix f'dan il-fond b'mod illegali u abbusiv ghad-detriment tal-attur.

Illi una volta il-kaz odjern ma jinkwadrax ruhu fl-ambitu ta' titolu li xi darba kien jezisti u li ghal xi raguni spiccat, u dan peress illi il-konvenuta qatt ma kellha l-kunsens li tokkupa il-fond minghand l-attur, anzi hi stess tammetti illi huwa irrifjuta il-kera minghandha, allura il-Qorti tara illi hija ghandha gurisdizzjoni sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza.

Illi ghalkemm fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha il-konvenuta ma eccepietx in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti abbazi tal-allegat titolu taghha, peress illi il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-istess konvenuta qatt ma kellha titolu validu, ghalhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Mario Galea Testaferrata vs Joseph N. Tabone noe deciza fit-2 ta' Awissu, 1994 mill-Qorti tal-Appell u ghall-kawza fl-ismijiet Joseph Pace et vs Salvatore Attard et deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2004, li ilkoll jaqblu fis-sens li gialadarba jigi pruvat li qatt ma kien hemm titolu, il-Qorti ghandha gurisdizzjoni biex tisma u tiddeciedi il-kawza u ovvjament a kuntrarju sensu, f'kaz li jirrizulta li jkun hemm titolu, l-Qorti ma jkollhiex kompetenza.

Illi fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport tal-perit arkitett a fol 161 tal-process u rat illi l-perit tekniku ikkonkluda li l-valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni jammonta ghal hamest elef u mitejn ewro (€5,200) fis-sena. Il-Qorti rat illi saret l-eskussjoni tal-perit izda permezz tal-istess eskussjoni, il-perit tekniku rega' ikkonferma dan l-ammont u ta ir-ragunijiet tieghu ta' kif wasal ghal dan l-ammont.

Illi ukoll peress illi ma saret l-ebda talba ghal periti addizzjonali, il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni valida ghaliex m'ghandhiex toqghod fuq il-konkluzjoni li wasal ghaliha l-espert tekniku minnha mahtur.

Ghaldaqstant il-Qorti tara illi id-danni illi ser tillikwida jammontaw ghas-somma ta' hamest elef u mitejn ewro (€5,200) fis-sena, dekorribbli mill-1 ta' Jannar 2002 sad-data meta il-konvenuta tizgombra mill-fond in kwistjoni.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa it-talbiet attrici, tiddikjara illi l-konvenuta qeghda tokkupa l-fond 51 Triq Falzon, Sliema minghajr ebda titolu validu fil-ligi, tordna lill-konvenuta sabiex tivvaka dan il-fond fi zmien xahar millum, tiddikjara illi il-konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur b'rizultat tal-okkupazzjoni abbusiva u illegali tal-fond da parti taghha, u tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur fl-ammont ta' hamest elef u mitejn ewro (€5200) fis-sena, dekoribbli mill-1 ta' Jannar 2002 sad-data illi fiha il-konvenuta tizgombra mill-fond in kwistjoni. Finalment il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex thallas id-danni li gew hekk likwidati. Bl-ispejjez kontra il-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------